

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/531

tal-24 ta' Novembru 2014

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-ghajjnuna tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-iġjene, tas-saħħa, tas-sigurtà u tax-xogħol tas-sajjeda, sabiex jiġu protetti u rkuprati l-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, sabiex jittaffa t-tibdil fil-klima u sabiex tizzied l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 32(4), 40(4) u 41(10) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tistipula regoli speċifiċi dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati mal-operazzjonijiet għall-protezzjoni u l-irkupru tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar fil-qafas ta' attivitajiet tas-sajd sostenibbli, dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati mal-operazzjonijiet immirati lejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd, u dwar l-eliġibbiltà tal-operazzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-iġjene, tas-saħħa, tas-sigurtà u tax-xogħol għas-sajjeda.
- (2) Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament jitrattaw aspetti li jirrigwardaw l-eliġibbiltà tal-ispejjeż jew tal-operazzjonijiet, u tnejn minnhom huma relatati ma' operazzjonijiet li jinvolvu investimenti abbord il-bastimenti. Barra minn hekk, dawn il-miżuri kollha għandhom impatt fuq il-forma li fiha titwettaq l-attività tas-sajd. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet huma marbutin mill-qrib ma' xulxin. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn daww id-dispożizzjonijiet, u sabiex jiġu ffaċilitati perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom mir-residenti kollha tal-Unjoni, daww id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu adottati f'att wieħed.
- (3) Is-sajd għadu wieħed mill-aktar impjegji perikolużi fl-Unjoni, b'għadd sinifikanti ta' inċidenti li jseħħu fuq bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira. Għaldaqstant, id-Direttivi tal-Kunsill 93/103/KE ⁽²⁾ u 92/29/KEE ⁽³⁾ jistabbilixxu rekwiżiti minimi għas-saħħa u s-sigurtà li japplikaw għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd, u li għandhom jiġu implimentati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 jipprevedi l-finanzjament ta' ċertu investimenti sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-iġjene, tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol għas-sajjeda, dejjem jekk dawn imorru lil hinn mir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi speċifikat liema spejjeż relatati ma' investimenti speċifiċi ta' dan it-tip, inkluż it-taħriġ dwar is-saħħa u l-kampanji ta' informazzjoni, jistgħu jiġu ffinanzjati skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014.
- (4) Ix-xiri u l-installazzjoni abbord il-bastimenti ta' tagħmir li għandu l-għan li jnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu jew ta' gassijiet b'effett ta' serra u li jżid l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd jistgħu jikkontribwixxu lejn l-oġġettivi tal-ġlied kontra t-tibdil fil-klima. It-tħaddim b'mod effiċjenti tal-bastimenti jista' wkoll

⁽¹⁾ ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 93/103/KE tat-23 ta' Novembru 1993 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sikurezza u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd (it-tlettax-il Direttiva individwali li taqa' taħt it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 307, 13.12.1993, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

iwassal għal tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija. L-Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 jipprevedi l-finanzjament ta' investimenti f'taġġmir jew ta' investimenti abbord li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu jew ta' gassijiet b'effett ta' serra u li jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd, kif ukoll il-finanzjament ta' investimenti fl-irkaptu tas-sajd, sakemm dawn l-investimenti ma jipperikolawx is-selettività ta' dak l-irkaptu u l-verifiki u l-iskemi tal-effiċjenza enerġetika. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu speċifikati iktar l-ispejjeż li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-FEMS biex jiġu promossi dawn l-oġġettivi.

- (5) Għandhom jiġu speċifikati wkoll l-ispejjeż relatati ma' operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u l-irkupru tal-bijodiversità u tal-ekosistemi tal-baħar, u mar-reġimi ta' kumpens fil-qafas ta' attivitajiet tas-sajd sostenibbli. Dawn l-operazzjonijiet għandhom jinkludu l-prinċipji bażiċi tal-Infrastruttura Ekoloġika, kif iddefinit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ dwar l-Infrastruttura Ekoloġika ⁽²⁾, li jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għall-implimentazzjoni effettiva ta' politiki li għandhom l-għan li jilhqnu l-għanijiet tagħhom, b'mod sħiħ jew parzjali, permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.
- (6) L-ispejjeż eliġibbli relatati mal-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 32, l-Artikolu 40(1) u l-Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-istess Regolament, li jstabbilixxi li operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità tas-sajd tal-bastiment jew taġġmir li jżid il-kapaċità tal-bastiment biex isib il-ħut mhumiex eliġibbli għall-għajjnuna tal-FEMS. Sabiex l-effett ta' inċentiv tal-investimenti eliġibbli skont dan ir-Regolament jiġi ppreżervat, l-ispejjeż relatati mal-manutenzjoni skedata jew ta' prevenzjoni fuq kwalunkwe parti mit-taġġmir li żżomm l-apparat f'kundizzjoni tajba ta' tħaddim għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-FEMS.
- (7) Minħabba li l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati mill-FEMS beda fl-1 ta' Jannar 2014, sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati fil-pront il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż, u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreparaw u jimplementaw il-programmi operazzjonali tagħhom fil-kuntest tal-FEMS, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jidentifika:

- (a) it-tipi ta' operazzjonijiet li huma eliġibbli għall-għajjnuna tal-FEMS sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-iġjene, tas-saħħa, tas-sigurtà u tax-xogħol għas-sajjieda;
- (b) l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-għajjnuna tal-FEMS sabiex jiġu protetti u rkuprati l-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, u r-reġimi ta' kumpens fil-qafas ta' attivitajiet tas-sajd sostenibbli;
- (c) l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-għajjnuna tal-FEMS sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd u sabiex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 2

Spejjeż esklużi

1. L-ispejjeż relatati mal-manutenzjoni skedata jew ta' prevenzjoni fuq kwalunkwe parti mit-taġġmir li żżomm l-apparat f'kundizzjoni tajba ta' tħaddim ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-għajjnuna tal-FEMS abbażi ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejja "L-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa", Brussell, COM(2013) 249 final, 6.5.2013.

⁽²⁾ L-Infrastruttura Ekoloġika hija netwerk ippjanat b'mod strateġiku magħmul minn żoni naturali u seminaturali b'karatteristiki ambjentali oħrajn ippjanati u mmaniġġjati biex jipprovdur firxa wiesgħa ta' servizzi tal-ekosistema. L-Infrastruttura Ekoloġika tinkorpora spazji ekoloġiċi (jew marittimi fil-każ tal-ekosistemi akkwatiċi) u karatteristiki fiżiċi oħrajn f'żoni fuq l-art (inkluż dawk li jinsabu mal-kosta) u f'żoni tal-baħar.

2. L-ispejjeż li huma meħtieġa għall-installazzjoni ta' oġġetti skont kif stipulat f'dan ir-Regolament u li huma marbutin b'mod dirett magħha biss għandhom ikunu eliġibbli għall-ghajjnuna tal-FEMS.

KAPITOLU III

SPEJJEŻ RELATATI MAT-TITJIB TAL-KUNDIZZJONIJET TAL-IĠJENE, TAS-SAĦĦA, TAS-SIGURTÀ U TAX-XOGĦOL GĦAS-SAJJIEDA

Artikolu 3

Operazzjonijiet eliġibbli relatati mas-sigurtà

Għall-operazzjonijiet immirati lejn it-titjib tas-sigurtà tas-sajjieda abbord il-bastimenti tas-sajd skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, ix-xiri u, jekk ikun applikabbli, l-installazzjoni, tal-oġġetti li ġejjin, huma eliġibbli għall-ghajjnuna tal-FEMS:

- (a) ċattri ta' salvataġġ;
- (b) unitajiet ta' rilaxx idrostatiku għaċ-ċattri ta' salvataġġ;
- (c) apparat ta' sinjalar personalizzat għas-sejbien bħal, pereżempju, l-apparat ta' Sinjalar ta' Emerġenza bir-Radju li Jindika l-Pożizzjoni ("Emergency Position Indicating Radio Beacons — EPIRB"), li jista' jiġi integrat fil-ġkieket tas-salvataġġ u fl-ilbies tax-xogħol tas-sajjieda;
- (d) Apparat Personali li Jżomm f'Wiċċ l-Ilma ("PFD"), b'mod partikolari l-ilbies ta' immersjoni jew ta' sopravivenza, u l-baġi u l-ġkieket tas-salvataġġ;
- (e) murtali għall-ghajjnuna;
- (f) tagħmir għat-tfiġh tal-ħbula;
- (g) sistemi ta' salvataġġ ta' persuni mill-baħar ("man-overboard ('MOB') recovery systems");
- (h) tagħmir għat-tifi tan-nar, bħat-teffejja tan-nar, il-gvieriet ta' kontra n-nar, id-detetturi tan-nar u tad-duħħan u l-apparat tan-nifs;
- (i) bibien ta' protezzjoni min-nar;
- (j) valvijiet isolanti tat-tankijiet tal-fjuwil;
- (k) detetturi tal-gass u sistemi ta' allarm għat-tnixxijiet tal-gass;
- (l) pompi u allarmi tas-sentina;
- (m) tagħmir għall-komunikazzjonijiet bir-radju u bis-satellita;
- (n) bokkaporti u bibien li ma jħallux l-ilma jgħaddi minnhom;
- (o) ilqugħ ta' fuq il-makkinarju, bħall-vinċijiet jew winċijiet tax-xbieki;
- (p) passaġġi u slielem ta' aċċess;
- (q) dwal għat-tfittxija, tal-gverta jew ta' emerġenza;
- (r) mekkaniżmi ta' rilaxx tas-sigurtà f'każ li l-irkaptu tas-sajd jinqabad ma' ostakli taħt l-ilma;
- (s) kameras u moniters tas-sigurtà;
- (t) tagħmir u elementi meħtieġa għat-titjib tas-sigurtà fuq il-gverta.

Artikolu 4

Operazzjonijiet eliġibbli relatati mas-saħħa

Għall-operazzjonijiet jew għall-forniment ta' tagħmir maħsub għat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa tas-sajjieda abbord il-bastimenti tas-sajd skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-finanzjament:

- (a) ix-xiri u l-installazzjoni ta' kaxxi għall-ewwel ghajjnuna;
- (b) ix-xiri ta' mediċini u apparat għall-kura urġenti abbord;
- (c) il-forniment tat-telemediċina, inkluż ta' teknoloġiji elettroniċi u ta' tagħmir u sistemi ta' immaġni mediċi applikati għall-konsultazzjoni mill-bogħod minn dawn il-bastimenti;
- (d) il-forniment ta' gwidi u manwali għat-titjib tas-saħħa abbord;
- (e) kampanji ta' informazzjoni għat-titjib tas-saħħa abbord.

Artikolu 5

Operazzjonijiet eliġibbli relatati mal-iġjene

Għall-operazzjonijiet jew għall-forniment ta' tagħmir maħsub għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-iġjene tas-sajjeda abbord il-bastimenti tas-sajd skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, ix-xiri u, jekk ikun applikabbli, l-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin huma eliġibbli għall-finanzjament:

- (a) faċilitajiet sanitarji, bħal tojlits u faċilitajiet għall-ħasil;
- (b) faċilitajiet tal-kċina u tagħmir għall-ħżin tal-provvisti tal-ikel;
- (c) tagħmir ta' purifikazzjoni tal-ilma għall-ilma tajjeb għax-xorb;
- (d) tagħmir tat-tindif għaż-żamma tal-kundizzjonijiet sanitarji abbord;
- (e) gwidi u manwali dwar it-titjib tal-iġjene abbord, inkluż għodod fil-forma ta' softwer.

Artikolu 6

Operazzjonijiet eliġibbli relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol

Għall-operazzjonijiet jew għall-forniment ta' tagħmir maħsub għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, ix-xiri u, jekk ikun applikabbli, l-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin huma eliġibbli għall-finanzjament:

- (a) poġġamani ta' fuq il-gverta;
- (b) strutturi ta' kenn ta' fuq il-gverta u l-immodernizzar tal-kabini sabiex tiġi pprovduta protezzjoni mill-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp;
- (c) oġġetti relatati mat-titjib tas-sigurtà tal-kabina u mal-provvista ta' żoni komuni għall-ekwipaġġ;
- (d) tagħmir li jnaqqas ix-xogħol tal-irfigħ bl-idejn, għajr magni relatati b'mod dirett mal-operazzjonijiet tas-sajd, bħal pereżempju l-vinċijiet;
- (e) żebgħa u twapet tal-lastku għal kontra ż-żliq;
- (f) tagħmir ta' iżolazzjoni kontra l-istorbju, is-sħana jew il-kesħa, u tagħmir li jtejjeb il-ventilazzjoni;
- (g) ilbies tax-xogħol u tagħmir tas-sigurtà bħal żraben li ma jidħolx l-ilma fihom, tagħmir għall-protezzjoni tal-għajnejn u tan-nifs, ingwanti u elmi ta' protezzjoni, jew tagħmir ta' protezzjoni mill-waqgħat;
- (h) sinjali ta' twissija ta' emerġenza u tas-sigurtà;
- (i) analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju sabiex jiġu identifikati r-riskji għas-sajjeda kemm meta dawn ikunu fil-port kif ukoll meta jkunu qed ibaħħru, sabiex jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis tar-riskji;
- (j) gwidi u manwali dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord.

KAPITOLU IV

SPEJJEŻ RELATATI MAL-PROTEZZJONI U L-IRKUPRU TAL-BIJODIVERSITÀ U TAL-EKOSISTEMI TAL-BAĦAR FIL-QAFAS TA' ATTIVITAJIET TAS-SAJD SOSTENIBBLI

Artikolu 7

Spejjeż eliġibbli relatati mal-ġbir tal-iskart min-naħa tas-sajjeda

Għall-operazzjonijiet relatati mal-ġbir tal-iskart mill-baħar min-naħa tas-sajjeda, kif imsemmi fl-Artikolu 40(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-għajna:

- (a) it-tneħħija mill-baħar ta' rkaptu tas-sajd li jintilef, b'mod partikolari sabiex jingħeleb is-sajd inviżibbli;
- (b) ix-xiri u, jekk ikun applikabbli, l-installazzjoni ta' tagħmir abbord għall-ġbir u l-ħżin tal-iskart;
- (c) il-ħolqien ta' skemi għall-ġbir tal-iskart għas-sajjeda parteċipanti, inklużi inċentivi finanzjarji;
- (d) ix-xiri u, jekk ikun applikabbli, l-installazzjoni ta' tagħmir ibbażat fil-faċilitajiet tal-portijiet tas-sajd għall-ġbir u r-riċiklaġġ tal-iskart;

- (e) il-kampanji ta' komunikazzjoni, ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, biex is-sajjieda u l-partijiet ikkonċernati l-oħra jiġu mħeġġa jipparteċipaw fi proġetti għat-tneħħija ta' rkaptu tas-sajd li jintilef;
- (f) it-taħriġ għas-sajjieda u għall-aġenti tal-portijiet.

Artikolu 8

Spejjeż eliġibbli relatati mal-faċilitajiet maħsubin għall-protezzjoni u t-titjib tal-fawna u l-flora tal-baħar

1. Għall-operazzjonijiet relatati mal-kostruzzjoni, l-installazzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' faċilitajiet statiċi jew mobbli skont l-Artikolu 40(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-ghajjnuna:
 - (a) ix-xiri u, jekk ikun applikabbli, l-installazzjoni ta' faċilitajiet għall-protezzjoni taż-żoni tal-baħar mis-sajd li jsir bit-tkarkir mal-qiegħ;
 - (b) ix-xiri u, jekk ikun applikabbli, l-installazzjoni ta' faċilitajiet għall-irkuprar ta' ekosistemi tal-baħar iddegradati;
 - (c) l-ispejjeż relatati ma' xogħol preliminari bħal tiftix u studji jew evalwazzjonijiet xjentifiċi;
 - (d) fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, l-ispejjeż relatati max-xiri u, jekk ikun applikabbli, mal-installazzjoni ta' rkaptu tal-aggregazzjoni tal-ħut immażżrat mal-qiegħ li jikkontribwixxi għas-sajd sostenibbli u selettiv, skont l-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.
2. Għall-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ispejjeż li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli:
 - (a) ix-xiri ta' bastiment biex dan jiġi mgħarraq u jintuża bħala skoll artifiċjali;
 - (b) l-ispejjeż relatati mal-bini u l-manutenzjoni tal-irkaptu tal-aggregazzjoni tal-ħut, għajr l-ispejjeż previsti fil-paragrafu 1(d).

Artikolu 9

Spejjeż eliġibbli relatati mal-kontribuzzjoni lejn ġestjoni jew konservazzjoni aħjar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar

1. Għall-operazzjonijiet immirati lejn ġestjoni jew konservazzjoni aħjar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kif imsemmi fl-Artikolu 40(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u li huma konformi mal-Artikolu 38 ta' dak ir-Regolament, l-ispejjeż relatati max-xiri jew, jekk ikun applikabbli, mal-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin huma eliġibbli għall-ghajjnuna:
 - (a) is-snanar ittundjati;
 - (b) l-apparat akustiku li jservi ta' deterrent imqabba max-xbieki;
 - (c) l-apparat għall-esklużjoni tal-fkieren tal-baħar ("TEDs");
 - (d) il-linji tat-tnaffir;
 - (e) għodod jew tagħmir ieħor li jkun intwera li huwa effiċjenti fil-prevenzjoni tal-qabdiet aċċidentali tal-ispeċijiet protetti;
2. Barra minn hekk, l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet u l-proġetti li ġejjin huma eliġibbli għall-ghajjnuna:
 - (a) taħriġ għas-sajjieda rigward ġestjoni jew konservazzjoni aħjar tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
 - (b) proġetti li jiffukaw fuq il-habitats kostali li huma ta' importanza għall-ħut, għall-għasafar u għal organiżmi oħra;
 - (c) il-proġetti li jiffukaw fuq żoni li huma importanti għar-riproduzzjoni tal-ħut bħal, pereżempju, l-artijiet mistagħdra kostali, ukoll jistgħu jkunu eliġibbli għall-ghajjnuna.
3. Għas-sostituzzjoni tal-irkaptu tas-sajd eżistenti b'taħmir tas-sajd b'impatt baxx, l-ispejjeż marbutin man-nases tal-ħut, mat-tirjix u mas-sajd bix-xliet fuq l-idejn jistgħu jkunu eliġibbli għall-ghajjnuna.

Artikolu 10

Spejjeż eliġibbli relatati mat-tnejja ta' pjanijiet ta' protezzjoni u ta' ġestjoni għal attivitajiet relatati mas-sajd

- Għall-operazzjonijiet li jikkonsistu fit-tnejja ta' pjanijiet ta' protezzjoni u ta' ġestjoni għal attivitajiet relatati mas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 40(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-ghajjnuna:
- (a) it-tweqqif ta' studji, b'mod partikolari għall-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-ispeċijiet u tal-habitats, inkluż l-immappjar tagħhom, u l-ġestjoni tar-riskju;

- (b) l-immappjar tal-attivitajiet u tal-intensità tas-sajd, u tal-interazzjonijiet tas-sajd mal-ispeċijiet u l-habitats protetti;
- (c) il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati waqt it-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni;
- (d) l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' indikaturi tal-pressjonijiet u tal-impatti, u t-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-istatus ta' konservazzjoni;
- (e) taħriġ għas-sajjeda u għal persuni oħra li jaħdmu għall-korpi li huma responsabbli għall-ġestjoni taż-żoni protetti tal-baħar ("MPAs") jew fisimhom, li huwa rilevanti għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' protezzjoni u ta' ġestjoni għal attivitajiet relatati mas-sajd;
- (f) id-demarkazzjoni tal-MPAs;
- (g) is-sorveljanza, inklużi s-salarji tal-persunal involut fl-attivitajiet ta' sorveljanza;
- (h) it-twettiq ta' miżuri ta' pubbliċità u ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-MPAs;
- (i) il-valutazzjoni tal-impatti tal-pjanijiet ta' ġestjoni fuq iż-żoni tan-netwerk Natura 2000 u fuq iż-żoni tas-sajd affettwati mill-pjanijiet ta' ġestjoni.

Artikolu 11

Spejjeż eliġibbli relatati mal-ġestjoni, l-irkupru u l-monitoraġġ tas-siti Natura 2000 u taż-Żoni Protetti tal-Baħar

Għall-operazzjonijiet relatati mal-ġestjoni, l-irkupru u l-monitoraġġ tas-siti Natura 2000 u taż-Żoni Protetti tal-Baħar u mat-tkattir tal-għarfien ambjentali, kif imsemmi fl-Artikolu 40(1)(e), (f) u (g) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-ghajjuna:

- (a) il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati waqt it-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni;
- (b) l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' indikaturi tal-pressjonijiet/tal-impatti u l-valutazzjonijiet tal-istatus ta' konservazzjoni;
- (c) is-sorveljanza tas-siti Natura 2000 u tal-MPAs;
- (d) it-taħriġ għal persuni li jaħdmu għall-korpi li huma responsabbli għall-ġestjoni tas-siti Natura 2000 u tal-MPAs jew fisimhom;
- (e) it-taħriġ tas-sajjeda dwar il-konservazzjoni u l-irkupru tal-ekosistemi tal-baħar u dwar attivitajiet alternattivi relatati magħhom bħal, pereżempju, l-ekoturiżmu fis-siti Natura 2000 u fl-MPAs;
- (f) l-immappjar tal-attivitajiet tas-sajd u l-monitoraġġ tal-intensità tagħhom, u r-reġistrazzjoni tal-interazzjonijiet tas-sajd mal-ispeċijiet protetti bħall-foki, il-fkieren tal-baħar, id-dniefel u t-tjur tal-baħar;
- (g) l-ghajjuna għall-iżvilupp ta' miżuri ta' ġestjoni tas-sajd fis-siti Natura 2000 u fl-MPAs bħal, pereżempju, l-istudji tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-valutazzjoni tar-riskju, inklużi l-azzjonijiet li jrawmu t-titjib tal-koerenza tagħhom;
- (h) l-ghajjuna għal miżuri li jżidu l-għarfien ambjentali li jinvolvu lis-sajjeda fir-rigward tal-protezzjoni u l-irkupru tal-bijodiversità tal-baħar;
- (i) il-kooperazzjoni u n-netwerking tal-manigiers tas-siti Natura 2000 u tal-MPAs.

Artikolu 12

Spejjeż eliġibbli relatati mal-parteċipazzjoni f'azzjonijiet oħra mmirati lejn iż-żamma u t-titjib tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi

1. Għall-operazzjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni f'azzjonijiet oħra mmirati lejn iż-żamma u t-titjib tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, kif imsemmi fl-Artikolu 40(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-ghajjuna:

- (a) l-ispejjeż relatati ma' skemi għall-ittestjar ta' tekniki ġodda ta' monitoraġġ, u b'mod partikolari:
 - (i) is-sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod bħalma huma s-CCTVs, għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tal-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet protetti;

- (ii) ir-reġistrazzjoni ta' dejta oċeanografika bħalt-temperatura, is-salinità, il-preżenza tal-plankton, il-proliferazzjoni tal-algi u d-dardir;
 - (iii) l-immappjar tal-ispeċijiet aljeni invażivi (I-IAS);
 - (iv) l-azzjonijiet, inklużi studji, għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-espansjoni tal-IAS;
 - (b) l-inċentivi finanzjarji għall-installazzjoni abbord ta' mezzi ta' reġistrazzjoni awtomatika għall-monitoraġġ u r-reġistrazzjoni tad-dejta oċeanografika, bħat-temperatura, is-salinità, il-preżenza tal-plankton, il-proliferazzjoni tal-algi u d-dardir;
 - (c) l-ispejjeż għall-kiri ta' bastimenti kummerċjali tas-sajd għall-osservazzjoni ambjentali b'rata li hija proporzjonata mal-attività;
 - (d) l-ispejjeż għal azzjonijiet xjentifiċi oħrajn relatati mal-immappjar u l-valutazzjoni tal-ekosistemi kostali u tal-baħar, u għas-servizzi tagħhom.
2. Għall-operazzjonijiet immirati lejn l-irkupru ta' habitats tal-baħar u kostali speċifiċi sabiex tiġi meġġuna s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, kif imsemmi fl-Artikolu 40(1)(i) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-għajna:
- (a) azzjonijiet għat-tnaqqis tat-tniġġis fiżiku u tat-tniġġis minn sustanzi kimiċi;
 - (b) azzjonijiet għat-tnaqqis ta' pressjonijiet fiżiċi oħrajn, inkluż l-istorbju antropoġeniku ta' taħt il-baħar li jaffettwa ħażin lill-bijodiversità;
 - (c) miżuri pożittivi ta' konservazzjoni għall-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-flora u tal-fawna, inkluż it-tidħil mill-ġdid jew ir-ripopolazzjoni bi speċijiet indiġeni, u l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Infrastruttura Ekoloġika msemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Infrastruttura Ekoloġika ⁽¹⁾;
 - (d) azzjonijiet għall-prevenzjoni, il-kontroll jew l-eliminazzjoni tal-ispeċijiet aljeni invażivi (I-IAS).

KAPITOLU V

SPEJJEŻ RELATATI MAL-PROMOZZJONI TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA U MAL-MITIGAZZJONI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA

Artikolu 13

Spejjeż eliġibbli relatati mal-idrodinamika tal-buq tal-bastiment

1. Għall-operazzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-idrodinamika tal-buq tal-bastiment skont l-Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-għajna:
- (a) l-investimenti f'mekkaniżmi ta' stabbiltà bħal, pereżempju, propelli tas-sentina u pruwi stillati bbuzzati 'l barra minn taħt ("bulbous bows") li jikkontribwixxu għal navigazzjoni aħjar u stabbiltà mtejba;
 - (b) l-ispejjeż relatati mal-użu ta' żebgħa antiveġetattiva mhix tossika, bħal, pereżempju, l-kisi bir-ram, sabiex titnaqqas il-frizzjoni;
 - (c) l-ispejjeż relatati mal-apparat tal-istering, bħas-sistemi ta' kontroll tal-apparat tal-istering u diversi tmien sabiex titnaqqas l-attività tat-tmun skont il-kundizzjonijiet tat-temp u tal-baħar;
 - (d) l-ittestjar f'baċir sabiex tiġi pprovduta bażi għat-titjib tal-idrodinamika.
2. L-ispejjeż relatati mal-manutenzjoni bażika tal-bwieq mhumiex eliġibbli għall-finanzjament skont dan l-Artikolu.

Artikolu 14

Spejjeż eliġibbli relatati mat-titjib tas-sistema ta' propulsjoni tal-bastiment

Għall-operazzjonijiet immirati lejn it-titjib tas-sistema ta' propulsjoni tal-bastiment skont l-Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż relatati max-xiri u, jekk ikun meħtieġ, mal-installazzjoni tal-oġġetti li ġejjin huma eliġibbli għall-għajna:

- (a) l-iskrejjien effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inklużi x-xaftijiet ta' trażmissjoni;
- (b) il-katalizzaturi;
- (c) il-ġeneraturi effiċjenti fl-użu tal-enerġija bħal, pereżempju, dawk li jaħdmu bl-idroġenu jew bil-gass naturali;
- (d) l-elementi ta' propulsjoni li jaħdmu bl-enerġija rinnovabbli, bħall-qluġh, l-ogħla qluġh tal-bastiment li jittellgħu biss meta r-riħ ikun ħafif, l-imtieħen tar-riħ, it-turbini jew il-pannelli fotovoltajiċi;

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejja "L-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa", Brussell, COM(2013) 249 final, 6.5.2013.

- (e) l-iskrejjien fil-pruwa;
- (f) il-konverżjoni tal-magni biex dawn jaħdmu bil-bijofjuwils;
- (g) l-ekonometri, is-sistemi ta' ġestjoni tal-fjuwil u s-sistemi ta' monitoraġġ;
- (h) l-investimenti fi żnienen li jtejbu s-sistema ta' propulsjoni.

Artikolu 15

Spejjeż eliġibbli relatati mal-investimenti fl-irkaptu u t-tagħmir tas-sajd

Għall-investimenti fl-irkaptu u t-tagħmir tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet li ġejjin huma eliġibbli għall-ghajjnuna:

- (a) is-sostituzzjoni tal-irkaptu rmunkat bi rkaptu alternattiv;
- (b) il-modifikazzjoni tal-irkaptu rmunkat;
- (c) l-investimenti f'tagħmir ta' monitoraġġ tal-irkaptu rmunkat.

Artikolu 16

Spejjeż eliġibbli relatati mal-investimenti mmirati lejn it-tnaqqis tal-konsum tal-elettriku jew tal-enerġija termali

Għall-investimenti mmirati lejn it-tnaqqis tal-konsum tal-elettriku jew tal-enerġija termali skont l-Artikolu 41(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, l-ispejjeż li ġejjin huma eliġibbli għall-ghajjnuna:

- (a) l-investimenti għat-titjib tas-sistemi ta' tkessiħ, ta' ffriżar jew ta' iżolazzjoni ta' bastimenti ta' inqas minn 18-il metru;
- (b) l-investimenti biex jiġi mħeġġeġ ir-riċiklaġġ tas-sħana li tkun fil-bastiment, li jinvolti l-irkuprar u l-użu mill-ġdid tas-sħana għal operazzjonijiet awżiljarji oħrajn abbord il-bastiment.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER